**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 63

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 13 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm waħda mingħand il-Viċi Sindku Daniel Mallia, li ġiet approvatha mill-Kunsill kollu.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 62

63.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat- tieni u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

63.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

63.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tat-tieni u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 <u>Festival Taċ-Ċitru 2024</u>
Is-Sur Dalli ta update dwar is-suċċess tal-Festival taċ-ċitru għas-sena 2024. Huwa qal il-Festival taċ-Ċitru 2024, kien attivita oħra mmirata biex tagħti aktar identita lir-raħal, spazju lir-residenti biex jipparteċipaw u kif ukoll kompliet itejjeb l-Kultura karatteristika tal-Maltin u l-lokalita ta' Ħal Lija.

Kemm ilha ssir din l-attivita, din is-sena 2024, kienet l-aktar sena li kemm l-organizazzjoni u anke il-parteċipazzjoni tal-pubbliku kienet ta' suċċess u waħda numeruża. Waqt dan il-Festival kien hemm xi ħaġa li laqgħtet lil kulħadd. Ir-rokna tat-tfal ġiet milqugħa tajjeb ħafna fejn ġenituri preżenti faħru din l-inizjattiva. Kien hemm preżenti wkoll il-Crafts, il-Kok, il-Mixologist, il-bejjiegħa tal-ħaxix, tal-Qubbajt, ħelu tad-dar u anke il-larinġ magħsur. It-Tpinġija fuq il-qsari tal-fuħħar kienet attrazzjoni unika għat-tfal. Is-Sur Dalli fakkar ukoll li kien hemm is-sehem ta' l-istudenti tal-Young Enterprise ta' San Alwiġi.

Is-Sindku kompla jgħid kif l-Istand tal-Kunsill kien ta' suċċess fejn kien hemm l-akbar numru ta' larinġ jinbiegħ tul il-ġurnata kollha bil-għajnuna ta' venditur li ilu snin jipparteċipa f'din l-attivita. Il-bnadar ta' Malta, EU u tal-Kunsill Lokali fuq l-antarjoli madwar l-akwata ta' l-attivita komplew sebbħu l-ambjent. Kien hemm konkorrenza tajba li residenti offrew larinġ b'xejn lil kunsill, biss għal sena oħra l-Kunsill jista joffri l-għajnuna lir-residenti meta jinqata dan il-frott hekk bnin. Is-Sindku qal kif ukoll irid ikun hemm organizazzjoni ta' kif jitpoġġew il-larinġ fil-boroż. Hawnhekk is-Sindku ħass il-ħtieġa li jirringrazzja lill-Kunsillier Donio Cini li flimkien miegħu għamel ġurnata s-Sibt jippakjaw il-larinġ. L-idea tal-hoodies bojod bl-arma tal-Kunsill ġibded ħafna l-għajn u l-Kunsill ta image ta' team.

Waqt il-Festival ġiet offruta wkoll xelta tajba ta' marmalade magħmul mill-frott taċ-ċitru li ngħata lil Kunsill b'xejn u ġie mibjugħ matul l-attivita. Tqassam ukoll xi xorb b'xejn bħala kumpliment għaż-żjara tal-pubbliku flimkien mal-frott b'xejn għat-tfal li żaru din l-attivita.

Is-Sindku tkellem ukoll fuq it-tberik ta' l-annimali organizzat mill-Għaqda Festi ta' barra, attivita oħra li daħlet sew fil-kalendarju ma' din l-attivita taċ-ċitru. Il-Banda San Pio X kienet attrazzjoni oħra li ferħet lil dawk preżenti flimkien mal-Folk group minn Għawdex. Preżenti kien hemm ukoll il-membri tal-Kavallarija tal-Pulizija ta' Malta. Dawn l-entitajiet kollha komplew jgħinu biex ingħata kulur lil din l-attivita annwali organizzata mill-Kunsill Lokali.

Is-Sur Dalli qal kif din is-sena ukoll ir-Reġjun Lvant, peress li ntgħażel bħala l-Kunsill tal-Kultura għas-sena 2024, organizzaw attivita għat-tfal fil-Pjazza bl-isem 'Creative Beats and Rhythms' . Din l-attivita ntlaqat ferm tajjeb.

Finalment is-Sindku qal kif din l-attivita kienet ta' suċċess totali dejjem bil-għajnuna ta' ħafna nies. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill għall-appoġġ kontinwu, lis-Segretarju Eżekuttiv Pamela, lil Dorianne, Nicolette, Francesco, George, Raymond, Marco u Frankie għad-dedikazzjoni li urew f'dawn l-aħħar ġimgħat ta' preparazzjoni. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif li kieku ma kinux huma din l-attivita hekk kbira li issa nfirxet mal-Pjazza u parti minn Vjal it-

Trasfigurazzjoni ma kinetx issir. Irraingrazzja ukoll lil dawk ir-resdenti li offrew l-għajnuna tagħhom matul il-ġuranta kollha ta' l-attivita.

Il-Fondi li ħa jgħaddu għand il-Kappillan mill-qliegħ ta' dan il-Festival huma ta' EUR 1,371.

63.3.2 **Il-Proġett tal-Bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni**

Is-Sur Dalli spjega kif il-Proġett ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni kważi ntemm minn naħa tal-Kuntrattur tal-Kunsill ħlief għal xi xogħol żgħir tal-aħħar. Is-Sindku kompli jgħid kif fadal biss l-istess problema kif diġa rrapporta fl-aħħar seduta. Hemm problema bejn TM u WSC dwar ir-reinstatement ta' parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sindku qed jispera li dan il-proġett jingħalaq għas-sodisfazzjoni ta' kulħadd l-aktar tar-residenti ta' Ħal Lija.

63.3.3 **Il-Latrini Pubbliċi fil-Lokalita**

Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif il-Faċilita tal-Pjazza kif diġa jafu kellha tiġi magħluqa minħabba l-manutenzjoni li għandha bżonn. Fil-bidu tas-sena huwa kien kellem lis-Sur Deguara tal-Cleansing Department li wiegħed lil Kunsill l-appoġġ kollu meħtieġ. Is-Sindku kompla jgħid kif iltaqgħa mal-Perit tal-Cleansing aktar minn xahar ilu fejn dan għamel spezzjoni tal-post. Il-Perit tal-Cleansing issuġġerixxa li n-naħa ta' l-irġiel tingħalaq għax għanda bżonn manutenzjoni estensiva.

In-naħa tan-nisa għanda bżonn ftit tikħil, tingħalaq il-kamra/store u jsir bieb biex tingħalaq il-kamra ta' l-attendant u tkun tista tinfetaħ lura għan-normal. Il-Bqija, is-Sindku qal li kellu jissejjaħ meeting biex wieħed jara x'se jsir fir-refurbishment totali ta' din il-faċilita.

Is-Sindku qal kif huwa tkellem ukoll mas-Sur Deguara fuq il-latrina tal-ġnien fejn ukoll kellu jsir meeting pero sad-data tal-lum l-ebda meeting ma ġie imsejjaħ.

63.3.4 **Appell tal-Qorti- Flooding Triq Annibale Preca**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif il-kawża li kellu l-Kunsill Lokali ta' meta sar it-tarmac fi Triq Annibale Preca inqagħtet f'Novembru 2019. Wara din id-data kien sar appell u dan l-appell se jibda jinstema fis-27 ta' Frar 2024.

63.3.5 **Qsiem sigur lejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija**

Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif riċenti ltaqgħa ma' entita li semgħat it-talba li ilu jagħmel il-Kunsill u li għandha il-faċilita biex tagixxi forsi tkun tista ssir xi tip ta' crossing għal fuq iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Huwa ltaqgħa fuq il-post ma' Dr. Audrey Demicoli nkarigata mill-ITSD fejn dan id-dipartiment huwa responsabbli minn dan ix-xogħol f'toroq arterjali.

Il-Proposta li ssir crossing u lights in-naħa ta' Ħal Lija viċin iċ-ċimiterju (ħdejn il-bieb tal-ġnien ta' Parisio) huwa ta' periklu u ma' tistax issir. Waqt dan il-meeting is-Sindku qal kif huwa semma l-proposta ta' lights li jixgħelu flimkien mal-lights ta' ħdejn Triq Sir Ugo Mifsud bħal dik li hemm il-Marsa ħdejn tas-sufarini. Pero r-risposta kienet li le, ħaġa bħal din lanqas ma tista ssir u tal-Marsa m'għadhiex operattiva u żgur li mhux ħa ssir oħra bħala.

Il-proposta ta' Dr. Demicoli, li ser tkompli tiġi diskussa f'seduta oħra peress li taħdidiet għadhom għaddejin, hija kif ġej. Is-Sindku ressaq pjanta fuq il-mejda tal-Kunsill. Din proponiet li l-pubbliku jaqsam il-crossing eżistenti, jimxi fuq il-bankina ħdejn l-ex Ħal-Mann showroom, jaqsam Triq San Mikiel, jimxi lejn it-telgħa ta' l-għaqba, fejn ser isib lights oħra fit-traffic island u jaqsam fid-dritt viċin il-bieb taċ-ċimiterju.

Meta bagħtet il-pjanta, is-Sindku qal kif huwa nduna li fil-pjanta l-crossing fit-Triq Mikiel ma kienetx impenġija/kkunsidratha. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv kitbet fuq dan in-nuqqas u l-Kunsill spiċċa ġie referut mal-Perit Conti (TM) li hija responsabbli mix-xogħol fil-konfini tal-Kunsilli Lokali. Hemmhekk jagħmel mal-Kunsill Lokali ta' l-Iklin. Dwar din il-kwistjoni, is-Sindku qal kif is-Segretaju Eżekuttiv kitbet lil TM u sal-llum il-Kunsill għadu qed jistenna appuntament.

Dan l-intervent mhux faċli, biss il-Kunsill irid jaħseb għal l-aktar soluzzjoni tajba għal min jiffrekwenta dan iċ-ċimiterju. Għal waqt id-diskussjonijiet il-Kunsill irid jiftakar biex iqajjem il-każ u anke jiddiskuti xi tip ta' traffic calming għandu jsir biex il-vetturi ma jgħaddux bi speed qawwi.

63.3.6 **Trasport pubbliku (Rotta 106)**

Is-Sindku qal kif wara ħafna lmenti li din il-linja ma tidħolx Ħal Lija (fejn it-Torri Belvedere) meta tkun Via Mater Dei ħass il-ħtieġa li jinvestiga personali fil-Kariga ta' Sindku tal-Lokalita, dan wara li sar kuntatt mal-public transport u s-sitwazzjoni baqgħet l-istess. Nhar l-Erbgħa 6 ta' Frar, 2024 fis- 7.20am huwa mar fuq l-istage ta' ħdejn it-Torri bil-ħsieb li l-bus tasal fi 7.32 am. Fi 7.29am waslet u huwa rikeb. Kien hemm 4 passiġġieri oħra u telqu b'din ir-rotta via Ħal Balzan minn ħdejn il-Costa Coffee għal H'Attard, niżlet minn fejn il-Kitchen Garden u reġgħat ħadet ir-rotta

mill-pjazza għal-Costa coffee lejn B'Kara ħdejn l-HSBC għal Naxxar Road, B'Kara by-pass u MaterDei. B'kollox din ir-rotta ħadet 55 minuta.

Is-Sur Dalli qal kif il-vjaġġ huwa xi ħaġa ċirkulari u għalhekk il-vjaġġ li kien imiss minn ħdejn it-Torri li kien immarkat fi 8.32am ma sarx għaliex il-Vettura kienet għada Mater Dei. Il-Problema tista tissolva billi tal-linja ma tmurx darbtejn il-Wied ta' Ħal Balzan. Ir-Residenti qed jibżgħu li ma jaslux Mater Dei għal appuntament. Is-Sindku qal kif il-Kunsill talab meeting mal-Malta public transport u risposta lura dwar dan għadt pero m'hemmx.

63.3.7 Nominazzjonijiet – Premju tal-Mara

Is-Sindku spjega kif il-ġimgħa li għaddiet kien mistieden mis-Segretarju Parlamentari għall-Kunsill Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli għall-inawgurazzjoni għal prempju MARA.
Dwar dan il-premju ntbgħatet ċirkulari ta' kif għandhom isiru n-nominazzjonjiet. Il-Kunsill Lokali tela anke post fuq il-paġna tal-Kunsill biex residenti li jixtiequ jinnominaw lil xi ħadd jistgħu jagħmlu dan. In-nominazzjonijiet jridu jaslu għand il-Kunsill Lokali sat-23 ta' Frar għaliex il-kunsill huwa fl-obbligu li umbgħad jinforma lis-segratrju parlamentari bin-nominazzjoni finali sas-26 ta' Frar . Is-Sindku qal kif il-quddiem jaf forsi tkun trid issir seduta qasira urġenti, anke onlajn, biex jekk ikun hemm iżjed minn nominazzjoni waħda l-Kunsill jagħmel l-għażla tiegħu u tgħaddi għand il-Ministeru.

63.3.8 Project Green – proġett fi Triq Merino

Is-Sindku qal kif il-ġimgħa li għaddiet huwa rċieva nvit bħala s-Sindku tal-Lokalita biex jattendi għal meeting fl-uffiċini ta' Project Green, it-Tnejn 12/02/2024. Qal kif miegħu talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tattendi. Waqt dan il-meeting ingħatat l-aħbar li hemm il-ħsieb li dak il-ġnien li hemm imdawwar bil-bricks fi triq Merino isir ġnien pubbliku. Il-Fond huwa tal-Lands Department u bħalissa dan jinsab abbandunat. Is-Sindku kompla jgħid kif hu ilu jirċievi lmenti li dan is-sit huwa abbandunat u fih jaraw ħafna ġrieden. Is-Sur Dalli qal kif huwa żmien ilu kellu kuntatt ma min kien jikri dan il-ġnien u ħadu jarah peress li kien hemm ħafna lmenti. Fl-opinjoni tiegħu ma kienx miżmum sewwa. Kompla jispjega kif ftit xhur ilu reġgħa prova jsib il-persuna li tieħu ħsiebu imma ma rnexxilux jikkuntatjah. Issa Project Green qed tapplika biex dan il-ġnien jiġi f'idejha u jsir ix-xogħol ta' manutenzzjoni meħtieġ fejn il-kuntrattur magħżul biex jagħmel ix-xogħol irid jieħu ħsiebu għal ħames snin. Wara dawn il-ħames snin aktarx li jaqa f'idejn il-Kunsill. Issa project green ser tipprepara l-pjanti u wara tgħaddihom lil kunsill biex ikun jista jagħti l-opinjoni tiegħu u wara ssir konsultazzjoni mal-pubbliku nġenerali. Project Green talbet lis-Sindku għal xi ritratti tal-fond. Dawn ir-ritratti qegħdin għandu u ser jibgħatilhom kopja fil-jiem li ġejjien.
Fl-Opinjoni tiegħu s-Sindku qal kif dan huwa pass il-quddiem biex il-Kunsill ikompli jtejjeb l-Ambjent tal-madwar li jridu jgħixu fih ir-residenti.

## 63.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

63.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 63.5 Korrispondenza

63.5.1 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000022. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet imejl li ntbgħatet lil IM mill-Kunsill, biex forsi jsir intervent minn IM dwar ir-reinstatement li sar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni, ħalli x-xogħol tal-pavimentar kemm jista jkun ma jieħux aktar fit-tul u jiġi ffinalizzat malajr u kif suppost.

63.5.2 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000041 ' M4.4 Ħitan tas-sejjieħ Extension CRF'. IS-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif il-Kunsill permezz ta' din il-korrispondenza għamel extension fuq il-proġett li huwa għandu ta' M 4.4 għaliex baqa xi xogħol ta' dokumentazzjoni li jrid isir mal-Arpa bħal claim forms. Is-Sindku qal kif fl-aħħar il-kunsill irnexxilu javviċina l-kuntrattur u b'hekk qed tingħalaq l-aħħar parti tal-proġett minħabba xi dokumentazzjoni li kienet pendenti minn naħa tal-kuntrattur.

63.5.3 Is-Sur Ċini xtaq ikun jaf x'inhi korripondenza numru 2024/000061 bl-isem 'Chapel Restoration'. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawh kif dik kienet imejl mingħand il-perit li qed jieħu ħsieb ir-restawr tal-Kappella tas-Salvatur il-Qadim biex ikollu aċċess għal din il-Kappella minn fuq bejt ta' third party. Il-Perit talab lil kunsill biex jgħaddi d-dettalji ta' dan ir-resident li jrid jagħti permess għal dan l-aċċess.

63.5.4 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000100 bl-isem ' Restawr ta' Niċċa'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif resident qed jitlob li b'permezz tal-iskema ta' restawr fuq bini u monumenti, il-Kunsill jikkunsidraw japplika għall-restawr fuq in-niċċa li huwa għandu mal-faċċata tad-dar tiegħu. Is-Sa Seguna qalet li din hija xi ħaġa li ser tiġi diskussa bħala item aktar il-quddiem fis-seduta.

63.5.5 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar xiex titratta korrispondenza numru 2024/000160. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif resident kiteb biex il-Kunsill jikkunsidra li Trejqet Kjeriku Ġabku Abela forsi ssir one-way.

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Rapport Finanzjarju 2023 (Financial Statements 2023)

63.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport finanzjarju għas-sena 2023.

63.6.2 Is-Sindku spjega l-importanza ta' dan ir-rapport billi tkellem fid-dettall fuq id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2023. Huwa tkellem ukoll fuq il-profit li għamel il-kunsill. Huwa qal li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta' *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser isir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2023.

63.6.3 Ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph zahra.

## 63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba Rapport ta' Kull kwart għall-Perjodu Jannar sa Diċembru 2023

63.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-raba' rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2023. Kopja tar-rapport intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta. L-*accountant* ma kienx preżenti biex jispjega dan ir-rapport u għalhekk l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Seguna flimkien mas-Sindku.

63.7.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-rapport fejn qara l-figuri kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €463,288, nefqa totali ta' €385,473 u dan irriżulta fi surplus ta' €77,814. Is-Sindku kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu kienet ta' 10%. Il-cash balances fl-aħħar ta' dan il-perjodu kienu ta' €326,286.

63.7.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

63.7.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondant mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Pjan ta' Ħidma (Business Plan) għall-perjodu 2024-2028

63.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tar-rapport tal-pjan ta' ħidma (business plan) għall-perjodu 2024-2028. Dan ir-rapport ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant* inkonnessjoni mar-rapport finali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2024, li ġie approvat fis-seduta li għaddiet. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-laqgħa ma setax ikun hemm l-*accountant* tal-kunsill u l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv.

63.8.2 Is-Sindku spjega kif dan il-pjan ta' ħidma ġie ppreparat abbażi tal-budget 2024. Barra minn hekk dan il-pjan ta' ħidma simili ħafna għal pjan ta' ħidma li kien ġie preżentant għal ħames snin ta' qabel, biss hemm xi tibdiliet żgħar. Is-Sindku wara qara u spjega fid-dettal l-overview tal-pjan ta' ħidma, li din ġiet ippreparatha minnu stess flimkien b'konsultazzjoni mas-Sinjura Seguna.

63.8.3 Wara l-ispjegazzjoni, is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 63.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

63.9.1.1 <u>Skema LESA – Proġetti fil-Komunitajiet</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsilliera li reġgħat ħarġet l-iskema tal-LESA biex issiru proġetti fil-komunita. Il-Kunsill għandu ċans japplika sas-16 ta' Frar, 2024.

63.9.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jkompli jtejjeb l-ambjent fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u ser tiġi preparatha applikazzjoni biex jiġi rranġat parti mill-pavimentar mid-daħla ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni sal-Gazebo, jinbidlu l-kumplament tal-bankijiet li baqa, ssir sistema ta' dawl ġdida u kif ukoll sistema ta' water catchment. Ser isir kuntatt mal-perit biex jagħmel stima lil Kunsill għal dan il-proġett.

63.9.2.1 <u>SPI/SCI/1/2024 – Skema dwar restawr ta' postijiet/monumenti storiċi f'Malta 2024/2025</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li reġgħat ħarġet ukoll l-applikazzjoni biex il-kunsill ikun jista jagħmel restawr fuq xi postijiet jew monumenti storiċi fir-raħal. Il-Kunsill għandu ċans japplika sat-23 ta' Frar 2024.

63.9.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandha issir applikazzjoni biex isir restawr fuq il-Kappella li hemm fiċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Is-Sindku diġà tkellem mal-Kappillan dwar dan u l-Kappillan ma sabx oġġezzjoni.

63.9.3.1 <u>Approvazzjoni tad-Devoluzzjoni tal-common/ public areas fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil Kunsilliera li kif diġà kien qabel il-Kunsill li jsir, hija qiegħda fil-proċess li tapplika mal-Lands għad-Devoluzzjoni tal-public areas fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Infurmat lil Kunsilliera kif bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni hija talbet anke lil perit biex japplika għal land registry site plan u anke bdiet tikkomunika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun hemm approvazzjoni mingħand id-dipartiment ukoll biex issir din id-devoluzzjoni. Is-Sinjura Seguna qalet li l-applikazzjoni ser tieħu ftit fit-tul biex issir għaliex minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern ġew mitluba ħafna affarijiet qabel ma tingħata l-approvazzjoni u aktarx li anke ser ikollha titlob għall-għajnuna tal-accountant biex jimtlew il-formoli li ntbgħatu.

63.9.3.2 Is-Sinjura Seguna fakkret ukoll lil Kunsill li kemm il-darba tkun ffinalizzatha l-applikazzjoni u tiġi aċċettatha, din id-devoluzzjoni ser tibda tiswa lil Kunsill Lokali 500 EUR fis-sena. Is-Sindku u l-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u reġgħu qablu li ssir id-devoluzzjoni tal-public areas fil-ġnien flimkien mal-approvazzjoni tal-ħlas ta 500 EUR fis sena.

63.9.4.1 <u>SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitajiet madwar Malta u Għawdex</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja ta' skema kif ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex isir żvilupp ta' Community gardens fil-lokalita. Is-Sa Seguna spjegat kif l-objettiv ewlieni ta' din l-iskema huwa li l-Kunsill Lokali jiżviluppa siti żgħar, soft areas, jew passaġġi pubbliċi fi community gardens innovattiva. Kemm il-darba interessat il-Kunsill Lokali għandu ċans jissottometti applikazzjoni sa, mhux aktar tard mill-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2024. Il-Kunsill huwa anke fl-obbligu li jagħmel risk assessment tal-post fejn ikun ser jintgħażel biex isir il-community Garden u kif ukoll jġib dikjarazzjoni mingħand il-Perit li tiddikjara jekk hemmx bżonn permessi mill-Awtorita tal-Ippjanar jew ta' xi entita oħra fejn applikabbli.

63.9.4.2 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill approva li tidaħħal applikazzjoni biex isir community Garden fi Triq Robert Mifsud Bonniċi fejn hemm dik il-biċċa soft area quddiem il-grawnd tal-futbol. Is-Sa Lorraine Farrugia fakret li hija kienet bagħtet eżempju ta' kuntratt ta' community garden li kien ħareġ Heritage Malta, u ssuġġeriet biex il-Kunsill jirreferi għalih f'każ li jkun hemm bżonn waqt li tkun qed issir l-applikazzjoni.

63.9.5.1 <u>SPI/SCI/02/2024 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u nklussivi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' skema kif ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-isem 'Komunitajiet aktar b'saħħithom u nklussivi'. L-objettiv ta' din l-iskema huwa sabiex il-Kunsill Lokali jkun f'pożizzjoni aħjar li jwettaq proġett jew inizjattiva biex jgħin l-Komunita' tiegħu tkun aktar b'saħħitha u nklussiva. Kemm il-darba nteressat il-Kunsill Lokali għandu ċans japplika sa mhux aktar tard mit-Tlieta 9 t' April 2024. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati.

63.9.5.2 Is-Sa Seguna qrat lista ta' eżempju ta' proġetti li l-Kunsill jista jwettaq.

63.9.5.3 Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax ghal din l-iskema.

63.9.6.1 <u>SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja ta' skema kif ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-isem 'Inizjattivita Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa'. L-Għan ta' din l-iskema huwa li ssir clean up day/campaign. Il-Cleanup/s jistgħu jsiru biss bejn l-1 ta' Settembru 2024 u it-30 ta' Settembru 2024. Kemm il-darba nteressat il-Kunsill Lokali jista japplika sal-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2024.

63.9.6.2 Wara diskussjoni li saret il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għal din l-iskema.

63.9.7.1 <u>SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' skema oħra kif ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-isem 'Fond ta' Manutenzzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali'. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati u kemm il-darba nteressat il-Kunsill Lokali jista japplika sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2024.

63.9.7.2 Il-Kunsill iddeċieda li ma japplikax għal din l-iskema.

63.9.8.1 <u>SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025</u>
Is-Sa Seguna għarfet lis-Sindku u lil Kunsilliera b'ċirkulari oħra maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, dik biex isiru attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024-2025. Kemm il-darba nteressat il-Kunsill Lokali għandu ċans japplika sat-Tlieta 26 ta' Marzu 2024.

63.9.8.2 Wara diskussjoni li saret il-Kunsill iddeċieda li bħas-soltu jissottometti applikazzjoni biex ikun jista jitella l-festival taċ-ċitru għas-sena 2025 (spiża totali ta' €10,000) u biex anke issir attivita ta' christmas village mqassma fuq jumejn (spiża totali ta' €5,000), li tinvolvi lill-għaqdiet kollha.

63.9.8.3 Is-Sindku qal kif dan il-christmas village/market tista ssir fis-sala tal-Kappillan, fejn il-Kunsill jieħu ħsieb l-ispiża kollha biex isir l-għarmar u jkun hemm l-entertainment bħal banda. L-għaqdiet minn naħa l-oħra jistgħu jbiegħu l-affarijiet bħal pereżempju bejgħ ta' ponsjetti. Is-Sa Farrugia ssuġġeriet li tista anke issir tinda fil-grawnd biex il-christmas market isir taħta.

63.9.9.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni rapport tal-evalwazzjoni għas-servizz tal-perit</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-servizz tal-perit. Kopja ta' dan ir-rapport diġà ntbgħat għall-approvazzjoni b'imejl lil Kunsilliera. Is-Sa Seguna qalet li l-evalwazzjoni ġiet iffinalizzatha, b'kollox kien hemm sitt offerti u l-bord iddeċieda li din it-tender tingħata lil MED Developers Designers and consultants.

63.9.9.2 Kif diġà ġie kkomunikat permezz tal-imejl, il-Kunsill kollu qabel ma' din id-deċiżjoni u b'hekk is-Sa Seguna ser tkompli bil-proċedura onlajn.

63.9.10.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni rapport tal-evalwazzjoni għall-Implimentazzjoni u Manutenzzjoni ta' tabelli u sinjali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-servizz tal-implimentazzjoni u manutenzjoni ta' tabelli u sinjali. Kopja ta' dan ir-rapport diġà ntbgħat għall-approvazzjoni b'imejl lil Kunsilliera. Is-Sa Seguna qalet li l-evalwazzjoni ġiet iffinalizzatha, b'kollox kien hemm żewġ offerti u l-bord iddeċieda li din it-tender tingħata lil 5H Limited.

63.9.10.2 Kif diġà ġie kkomunikat permezz tal-imejl, il-Kunsill kollu qabel ma' din id-deċiżjoni u b'hekk is-Sa Seguna ser tkompli bil-proċedura onlajn.

63.9.11.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni rapport tal-Evalwazzjoni – Servizz ta' knis fir-raħal</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport ta' evalwazzjoni għas-servizz tal-knis fir-raħal. Kopja ta' dan ir-rapport diġà ntbgħat għall-approvazzjoni b'imejl lil Kunsilliera. Is-Sa Seguna qalet li l-evalwazzjoni fl-aħħar ġiet iffinalizzatha, b'kollox kien hemm seba' offerti u l-bord iddeċieda li skond il-punti li ġew iġġenerati bis-sistema din it-tender tingħata lil WM Environmental Ltd.

63.9.11.2 Kif diġà ġie kkomunikat permezz tal-imejl, il-Kunsill kollu qabel ma' din id-deċiżjoni u b'hekk is-Sa Seguna ser tkompli bil-proċedura onlajn.

63.9.12.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' diversi proposti fi Triq Nazju Cortis</u>

Resident li joqgħod fl-akwata ta' Senna propju fi Triq Nazju Cortis, jixtieq li:

a) Fil-ħwat li diġà hemm eżistenti fit-Triq jitħawlu xi pjanti sbieħ;
b) Bejn il-parking car charger u l-ewwel siġra li hemm fi triq issir xi planter kbira tonda b'xi siġra tal-laring;
c) Il-ħajt li jinsab propju fit-triq isirlu xi tip ta' glading (qisu tiles apposta tal-ħitan tas-sejjieħ) biex l-ambjent jissebbaħ aktar; u
d) Jinżabru s-siġar li hemm fit-triq.

63.9.12.2 Rigward punti (a) u (b) is-Sindku tal-parir li ssir konsultazzjoni dwar dawn it-talbiet mal-kuntrattur tal-Kunsill li jifhem biex jagħti l-pariri tiegħu ta' x'inhu l-aħjar li jsir. Dwar punt (c) il-Kunsill qal li dak huwa ħajt privat u meta l-kunsill prova japplika għalih biex isir bil-fondi, s-sid ma aċċettax. Dwar punt (d) il-Kunsill spjega kif dan l-iżbir diġa sar riċenti pero jekk huwa vera l-każ filkas nikkonsultaw mal-ġardinar biex imur jittawlilhom u jsir l-iżbir neċċessarju.

63.9.13.1 <u>Talba biex issir l-implimentazzjoni tal-parking spaces fi Triq id-Dejqa</u>

Resident qed jagħmel talba mal-kunsill biex fi Triq id-Dejqa (fejn is-Salvatur il-Qadim) jiġu mplementati l-linji u l-kaxxi tal-parking.

63.9.13.2 Is-Sindku qal kif jekk mhux sejjer żball qabel saret it-triq minn IM hemmhekk kien hemm kaxxi tal-parking diġa. Il-Kunsill qabel allura li ssir imejl lil IM biex tkun infurmatha li f'dik l-akwata kien hemm il-kaxxi tal-parkeġġ, wara li sar it-tarmac dawn ma'reġgħux sarux u għalhekk hemm bżonn li jerġgħu jsiru minnufih kif kienu oriġinarjament.

63.9.14.1 <u>Pjanta biex issir l-implimentazzjoni tal-parking spaces fi Trejqet Francis Anthony Fenech kif propost minn TM</u>

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ressqu fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-pjanta bl-implimentazzjoni tal-parking spaces immarkati fi Trejqet Francis Anthony Fenech kif propost li jsiru minn TM. Din il-pjanta diġà ġiet mgħoddija għall-attenzjoni u l-kummenti tal-Kunsilliera permezz ta' imejl.

63.9.14.2 Wara diskussjoni żgħira li saret, il-membri kollha tal-Kunsill qablu mal-pjanta li saret minn TM biss qabel ma ssir l-implimentazzjoni l-Kunsill jixtieq li jitneħħa l-bank li hemm fuq ġewwa u minnflokk jsir parkeġġ ieħor, jkun hemm ukoll żewġ MC bays u minnflokk il-parkeġġ li sar vertikali jsiru tnejn jew tlieta parkeġġi ħorizontali. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jaħseb biex jakkomoda lil kulħadd biex ikun hemm biżejjed parkeġġi għal dawk kollha li m'għandhomx garaxx u kif ukoll li għandhom il-muturi u dan mingħajr ma tkun qed tiġi kkreatha l-ebda nkonvenjenza ta' health and safety.

## 63.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

63.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 2/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €119.44 għax-xahar ta' Jannar.

63.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 2/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 63.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

63.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 63.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

63.12.2 Is-Sur Zahra staqsa lis-Sindku x'feedback kien hemm dwar il-ħmieġ tal-ħamiem wara l-eżerċizzju li għamel il-Kunsill bil-falkun. Is-Sur Dalli stqarr li suppost il-Kunsill ser jingħata rapport. Il-problema tal-ħamiem naqset pero għadt hemm ċertu postijiet partikulari li huma problematiċi għax hemm minn qed jitma. Jaf ikun il-każ li l-Kunsill jkollu jerġa jġib l-falkun għal xi ftit jiem.

63.12.3 Is-Sa Farrugia qalet li hija qed taħseb li fir-raħal hawn xi ħadd qed irabbi n-naħal għaliex qed javviċinawha ħafna nies bl-ilmenti ta' ħafna tikek sofor li qed issibu fuq diversi affarijiet bħal fuq il-karozzi, fuq il-ħwejjeġ u anke l-ħġieġ tat-twieqi tad-djar.

63.12.4 Is-Sur Dalli tkellem dwar problema li qed tolqot l-aktar lill-lokalita tal-Iklin; il-problema tal-irwejjaħ tat-tarmac. Huwa qal kif avviċinah xi ħadd biex forsi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija jappoġġja l-petizzjoni li qed jagħmel il-Kunsill tal-Iklin, kontra dawn l-irwejjaħ tat-tarmac mill-fabbriki. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni biex jingħata dan l-appoġġ.

63.12.5 Is-Sa Farrugia staqset dwar xiex waslet il-proċedura biex issir magna tal-BCRS ġewwa Ħal Lija. Is-Sindku qal kif l-aħħar darba li kellem lil kuntrattur dan informa lil Kunsill li kien qiegħed fl-istadju fejn applika għal permess mal-MEPA. Ser issir reminder dwar dan.

63.12.6 Il-Ħin kien 7:00pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |